

Brussell, 6 ta' Ottubru 2022  
(OR. en)

11709/22  
ADD 1

LIMITE

CORLX 728  
CFSP/PESC 1053  
RELEX 1073  
COARM 153  
CODUN 32  
CONUN 179

## NOTA

Suġġett: Deċiżjoni tal-Kunsill b'appoġġ għall-Programm ta' Azzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Prevenzjoni, il-Ġlieda Kontra u l-Qerda tal-Kummerċ Illeċitu ta' Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir fl-Aspetti Kollha Tiegħu - Anness

## ANNEX

### **DOKUMENT TA' PROĠETT LI JAPPOĠĠA L-PROGRAMM TA' AZZJONI TAN-NAZZJONIJIET UNITI GĦALL-PREVENZJONI, IL-ĠLIEDA KONTRA U L-QERDA TAL-KUMMERĊ ILLEĊITU TA' ARMI ĦFIEF U TA' KALIBRU ŻGĦIR FL-ASPETTI KOLLHA TIEGĦU**

#### **1. Sfond**

L-adozzjoni tal-Programm ta' Azzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Prevenzjoni, il-Ġlieda Kontra u l-Qerda tal-Kummerċ Illeċitu ta' Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir fl-Aspetti Kollha Tiegħu (PtA) fl-2001 immarkat punt ta' bidla fl-isforzi internazzjonali biex jiġi miġġieled il-kummerċ illeċitu ta' armi ħfief u ta' kalibru żgħir (SALW). Minn dak iż-żmien 'l hawn, sar progress importanti fl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-PtA u l-istrument ta' traċċar tiegħu, l-Istrument Internazzjonali tal-2005 biex l-Istati jkunu jistgħu Jidentifikaw u Jittraċċaw, b'mod f'Waqtu u Affidabbli, Armi Ħfief u Armamenti ta' Kalibru Żgħir Illeċiti (ITI). Madankollu, l-isfidi u l-ostakli għadhom ixekklu l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva taż-żewġ strumenti.

Il-kontroll effettiv tal-armi ħfief mhux biss jikkontribwixxi għat-tisħiħ tas-sigurtà nazzjonali u tal-bniedem. Huwa jipromwovi wkoll l-iżvilupp sostenibbli kif rikonoxxut mill-istati fl-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, li sservi bħala umbrella għat-tfassil u l-ipprogrammar komprensivi tal-politika globali. Il-flussi illeċiti ta' armi għandhom rwol ċentrali fit-tnedija, l-aggravar u ż-żieda ta' konflitt armat, vjolenza mifruxa u atti ta' kriminalità u terroriżmu. Dawn il-flussi, b'mod partikolari f'kuntesti ta' konflitt, jaffettwaw b'mod negattiv il-ħidma tal-persunal tal-operazzjonijiet umanitarji u ta' paċi u jikkomplikaw il-konklużjoni ta' ftehimiet ta' paċi.

Il-PtA u l-ITI jkomplu jipprovdu l-qafas universali, li l-Istati Membri kollha tan-NU qablu dwaru, biex tiġi indirizzata l-problema tal-armi ħfief, li jorbot lill-istati kollha biex itejbu l-liġijiet u l-politiki nazzjonali dwar l-armi ħfief, il-kontrolli tal-importazzjoni/esportazzjoni, il-ġestjoni tal-ħażniet, l-immarkar u t-traċċar, u biex jinvolvu ruħhom fil-kooperazzjoni u l-assistenza.

Madankollu, matul l-aħħar deċennji tfaċċaw sfidi ġodda relatati mal-kontroll tas-SALW, fosthom l-iżviluppi fil-manifattura, it-teknoloġija u d-disinn tas-SALW, li jistgħu jimminaw l-effettività ta' xi wħud mid-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-PtA u l-ITI.

It-tmien Laqgħa Biennali tal-Istati (BMS8), li saret f'Ġunju 2022, u r-raba' Konferenza ta' Reviżjoni (RevCon4), ippjanata għall-2024, jipprovdu opportunitajiet għall-istati biex jieħdu kont tal-lakuni li fadal, jindirizzaw sfidi ġodda u jagħtu bidu għal miżuri ta' politika u operazzjonali ta' rimedju u korrettivi, li jippermettu lill-Istati jsaħħu l-aġenda ta' politika globali u l-effettività tal-PtA u l-ITI.

### **Minn impenji għal azzjoni**

Minkejja l-progress ta' min ifaħħru fil-livell tal-politika globali, għad hemm bżonn ta' azzjonijiet nazzjonali u reġjonali sodi biex jiġu implimentati l-impenji globali u l-istrumenti reġjonali li qablu dwarhom l-istati. Huwa stmat li biljun arma tan-nar jinsabu fiċ-ċirkolazzjoni madwar id-dinja<sup>1</sup>, b'hekk il-kontroll tas-SALW jibqa' kompitu urġenti.

---

<sup>1</sup> <https://www.smallarmssurvey.org/database/global-firearms-holdings>

It-talbiet għal assistenza internazzjonali <sup>2</sup>għadhom għoljin. Huma meħtieġa mekkaniżmi ta' assistenza msaħħa, sostenibbli u prevedibbli biex jiġu milqugħa d-domandi u jissaħħu l-kontroll u r-regolamentazzjoni tas-SALW. Għal ħafna stati biex jissodisfaw bis-sħiħ l-impenji politiċi relatati mal-kontroll tal-armi ħfief, inkluż dawk taħt l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp, hija meħtieġa assistenza internazzjonali.

Ħafna stati għad m'għandhomx mekkaniżmi ta' koordinazzjoni nazzjonali u f'ħafna pajjiżi fejn jeżistu, dawn huma dgħajfa. Dawn il-mekkaniżmi huma essenzjali għall-armonizzazzjoni tal-politiki u l-programmi nazzjonali, l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni u l-monitoraġġ ta' politiki, strateġiji u programmi nazzjonali komprensivi biex jindirizzaw il-problemi relatati mal-armi ħfief. L-għadd ta' pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali dwar is-SALW għadu baxx u, fejn dawn jeżistu, l-allokkazzjoni ta' fondi jew l-integrazzjoni f'oqfsa nazzjonali usa' ta' żvilupp u sigurtà hija nieqsa. Il-għbir tad-data għadu sfida ewlenija f'ħafna stati, b'hekk dan jimmina t-traċċar u l-monitoraġġ kwantitattiv tal-isforzi ta' implimentazzjoni. Meta d-data tkun disponibbli, l-armonizzazzjoni u d-diżaggregazzjoni tad-data nazzjonali jibqgħu ta' sfida. Filwaqt li sar progress relattiv fl-immarkar, għad hemm talbiet konsistentement għoljin għall-assistenza għall-ġestjoni tal-ħażniet, iż-żamma tar-rekords, il-kontrolli tat-trasferiment u t-traċċar.<sup>3</sup> Peress li t-traċċar huwa parti mill-qafas tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDG), ir-rati baxxi ta' suċċess f'dan il-qafas idgħajfu l-kisba tal-Aġenda 2030 b'mod partikolari.<sup>4</sup>

---

<sup>2</sup> <https://smallarms.un-arm.org/international-assistance>

<sup>3</sup> Preżentazzjoni mogħtija mill-UNODA fil-BMS7 intitolata "Programm ta' Azzjoni dwar is-SALW. Strument Internazzjonali tat-Traċċar. Xejriet, Sfidi u Opportunitajiet. Data mir-Rapporti Nazzjonali tal-2020", <https://documents.unoda.org/wp-content/uploads/2021/07/BMS7-UNODA-Trends-challenges-opportunities.pdf>

<sup>4</sup> L-indikatur 16.4.2 tal-SDG jaqra: "Proporzjon ta' armi maqbuda, misjuba jew ċeduti li l-oriġini jew il-kuntest illeċitu tagħhom ġew traċċati jew stabbiliti minn awtorità kompetenti f'konformità mal-istrumenti internazzjonali". (traduzzjoni mhux uffiċjali)

Mis-Sitt Laqgħa Biennali tal-Istati fl-2016 s'issa, sar progress sinifikanti globalment fit-tisħiħ tar-rabtiet bejn il-kontroll tal-armi ħfief u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Il-karatteristiċi uniċi u profondi b'rabta mas-soċjetà tal-kwistjoni tal-armi ħfief tirrikjedi integrazzjoni komprensiva tal-perspettivi tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fid-dimensjonijiet kollha tal-kontroll tal-armi ħfief. Progress notevoli fl-implimentazzjoni ta' dispożizzjonijiet relatati mal-ġeneru huwa viżibbli fir-rapporti nazżjonali ppreżentati mill-Istati Membri lill-UNODA, li jindika qabża minn 40% għal 63% bejn l-2018 u l-2022 ta' Stati li issa jqisu l-konsiderazzjonijiet tal-ġeneru fil-kontroll tal-armi ħfief.<sup>5</sup>

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/2011 tas-17 ta' Diċembru 2018 b'appoġġ għal politiki, programmi u azzjonijiet li jintegraw il-perspettiva tal-ġeneri fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-armi ħfief u l-użu ħażin tagħhom, f'konformità mal-aġenda dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà (WPS) li skjerat l-attivitajiet tagħha fl-Afrika, l-Asja u l-Paċifiku u l-Amerka Latina u l-Karibew, kellha rwol sinifikanti f'dawk l-isforzi. Madankollu, il-profondità u l-implimentazzjoni ġeografika ta' tali sforzi jvarjaw ħafna u 24% biss tal-Istati allegatament jiġbru data diżaggregata skont il-ġeneru u l-età relatata ma' armi ħfief.<sup>6</sup> Mingħajr il-benefiċċji ta' informazzjoni preċiża, dettaljata u bbażata fuq l-evidenza dwar ir-riskji differenti li l-armi ħfief jippreżentaw għan-nisa, l-irġiel, il-bniet u s-subien u l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom ta' sigurtà, l-interventi ta' kontroll tal-armi ħfief x'aktarx li ma jqsux il-kwistjonijiet relatati mal-ġeneru, ifixklu l-iżviluppi politiċi u programmatiċi effettivi u jimpedixxu l-kisba tal-SDG 5. Aktar avvanzi f'dan ir-rigward ser ikunu ta' benefiċċju wkoll għall-implimentazzjoni tal-aġenda tad-WPS, bil-Qafas ta' Monitoraġġ tad-WPS il-ġdid inkluż indikatur dwar l-"Għadd ta' pajjiżi b'kont meħud tal-konsiderazzjonijiet dwar il-ġeneri fl-implimentazzjoni tal-Programm ta' Azzjoni (PtA) dwar armi ħfief u ta' kalibru żgħir" li dan il-proġett ser jikkontribwixxi għalih.

---

<sup>5</sup> Preżentazzjoni mogħtija mill-UNODA fil-BMS7 intitolata ["Programm ta' Azzjoni dwar is-SALW.Strument Internazzjonali tat-Traċċar.Xejriet, Sfidi u Opportunitajiet.Data mir-Rapporti Nazżjonali tal-2020"](#).

<sup>6</sup> <https://smallarms.un-arm.org/statistics>

Il-kwistjoni tal-armi ħfief li timmanifesta ruħha b'modi differenti ħafna madwar id-dinja u l-isfidi ffaċċjati fil-livell nazzjonali rigward iċ-ċirkolazzjoni ta' SALW illeċiti jirriflettu kombinazzjonijiet uniċi ta' ċirkostanzi u kuntesti. Konsegwentement, il-progress fl-implimentazzjoni jista' biss, sa ċertu punt, ikun sforz miftiehem u kkoordinat globalment, iżda pjuttost għandu jkun ibbażat fuq sjieda u prijoritajiet nazzjonali u reġjonali. Għaldaqstant, l-istati qablu waqt is-Seba' Laqgħa Biennali tal-Istati dwar il-PtA (BMS7) "biex jikkunsidraw l-istabbiliment ta' miri nazzjonali u reġjonali f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Programm ta' Azzjoni, b'kont meħud tal-kuntesti nazzjonali u reġjonali differenti, bil-għan li jissaħħu s-sjieda nazzjonali u reġjonali u l-kejl tal-progress tal-implimentazzjoni."<sup>7</sup> (traduzzjoni mhux uffiċjali) Tali miri għandhom ikunu relatati ma' azzjonijiet stabbiliti fil-pjanijiet ta' azzjoni jew strateġiji nazzjonali dwar is-SALW, inkluż pjanijiet direzzjonali reġjonali, u għandhom ikunu jistgħu jitkejlu u jkunu allinjati mal-PtA u l-ITI kif ukoll mal-Għanijiet u l-miri maqbula fl-Aġenda 2030. Barra minn hekk, l-isforzi nazzjonali dwar il-kontroll tas-SALW iridu jiġu armonizzati ma' oqfsa nazzjonali oħra rilevanti għas-sigurtà, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-iżvilupp, kull fejn dawn jeżistu.

L-Istati ser jikkonsultaw mas-Segretarjat tan-NU għal gwida u assistenza fl-implimentazzjoni ta' dan l-approċċ ġdid immexxi mill-miri, li fl-aħħar mill-aħħar jipprovdi opportunità unika għal talbiet għal assistenza internazzjonali aktar imfassla apposta u anke allokkazzjoni ta' riżorsi.<sup>8</sup> Ix-xejriet reċenti fl-istabbiliment ta' pjanijiet direzzjonali/pjanijiet ta' azzjoni u programmi reġjonali huma eżempju eċċellenti ta' kif l-iffissar tal-miri jista' jiffaċilita l-progress fl-implimentazzjoni, filwaqt li jiġi żgurat li tiġi pprovduta assistenza kkoordinata biex tappoġġa dawk l-isforzi.

---

<sup>7</sup> <https://undocs.org/A/CONF.192/BMS/2021/1>, il-paragrafu 50. Ara wkoll il-paragrafi 51, 52, 57 u 58.

<sup>8</sup> <https://www.undocs.org/A/74/187>

## **Nibnu fuq proġetti u suċċessi preċedenti, inwittu t-triq 'il quddiem**

L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha pprovdew kontributi finanzjarji siewja b'appoġġ għall-PtA lill-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Affarijiet ta' Diżarm (UNODA) u liċ-ċentri reġjonali tiegħu matul dawn l-aħħar snin, b'appoġġ għat-tħejjijiet tal-Konferenzi ta' Reviżjoni taħt il-PtA<sup>9</sup>; bil-finanzjament ta' aspetti operazzjonali bħall-ġestjoni mtejbja tal-ħażniet fl-Afrika<sup>10</sup>; u aktar reċentement b'appoġġ għal politiki, programmi u azzjonijiet li jintegraw il-perspettiva tal-ġeneri fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-armi ħfief u l-użu ħażin tagħhom, f'konformità mal-aġenda dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà<sup>11</sup>.

L-eżiti tanġibbli ta' dawk il-proġetti inkludew il-qbil ta' dokument ta' eżitu li jħares 'il quddiem fit-Tielet Konferenza ta' Reviżjoni<sup>12</sup> ffaċilitata minn diskussjonijiet esperti, konsultazzjonijiet reġjonali u programm ta' sponsorizzazzjoni li żgura parteċipazzjoni usa' u aktar ekwa tal-istati u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili fil-Konferenza. Fl-Afrika, il-kapaċitajiet operazzjonali u tekniċi ġew imtejbja li wassal biex issaħħet b'mod konkret is-Sigurtà Fiżika u l-Ġestjoni tal-Ĥażniet (PSSM) fil-Burkina Faso, iċ-Ċad, il-Mali, il-Mauritania, in-Niġer u n-Niġerja. Il-proġett li għaddej bħalissa dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-kontroll tal-armi ħfief bena kapaċitajiet nazzjonali f'pajjiżi madwar id-dinja b'appoġġ għall-kontroll tal-armi ħfief li jqis il-kwistjonijiet relatati mal-ġeneru, rappreżentanti mħarrġa ta' organizzazzjonijiet reġjonali u subreġjonali dwar il-kwistjoni, u sinerġiji mtejbja b'mod sinifikanti bejn l-isforzi għall-kontroll tal-armi ħfief u l-implimentazzjoni tal-aġenda dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà.

Din il-proposta għal proġett tibni fuq dawk il-proġetti preċedenti u s-suċċessi tagħhom, filwaqt li tintroduċi approċċ ġdid u triplu biex tavvanza l-implimentazzjoni effettiva tal-PtA u l-ITI.

Il-proġett il-ġdid ser jippermetti lill-UNODA u liċ-ċentri reġjonali tiegħu jiżguraw li t-tfassil tal-politika globali, u l-implimentazzjoni nazzjonali u reġjonali jkunu allinjati, u t-tagħlim transreġjonali jibqa' jsir.

<sup>9</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-UE 2011/428/PESK tat-18 ta' Lulju 2011 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-UE (PESK) 2017/633 tat-3 ta' April 2017

<sup>10</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-UE 2014/912/PESK tal-15 ta' Diċembru 2014

<sup>11</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-UE (PESK) 2018/2011 tas-17 ta' Diċembru 2018

<sup>12</sup> [https://meetings.unoda.org/section/poa-revcon3-2018\\_documents](https://meetings.unoda.org/section/poa-revcon3-2018_documents)

## 2. Obiettivi, attivitajiet u eżiti tal-proġett

L-objettiv prevalenti tal-proġett huwa li tissaħħaħ is-sigurtà internazzjonali, reġjonali u nazzjonali, isir kontribut għat-twettiq tas-sigurtà tal-bniedem u jiġi promoss l-iżvilupp sostenibbli permezz tal-kontroll tas-SALW.

Dan ser jinkiseb permezz ta' approċċ trasversali, li jappoġġa l-ħidma fuq (1) żviluppi ta' politika globali li jħarsu 'l quddiem fil-kuntest tar-Raba' Konferenza ta' Reviżjoni; (2) implimentazzjoni nazzjonali u reġjonali effettiva tal-PtA u l-ITI; u enfasi partikolari fuq (3) politiki u programmi ta' kontroll tal-armi ħfief li jqisu l-kwistjonijiet relatati mal-ġeneru.

Flimkien ma' dan, it-tliet pilastru ser isaħħu l-PoA u l-ITI bħala oqfsa globali universali għall-kontroll tal-armi ħfief u jiżguraw ir-rilevanza u l-effettività kontinwi tagħhom.

Eżiti fit-tliet pilastru kollha:

- L-involviment ma' organizzazzjonijiet reġjonali u subreġjonali qed jikber u dan jippermetti approċċ aktar simplifikat għall-isforzi ta' politika u ta' implimentazzjoni fil-livelli subreġjonali, reġjonali u globali.
- L-involviment tas-soċjetà ċivili, b'mod partikolari l-organizzazzjonijiet tan-nisa u l-atturi taż-żgħażaġħ, qed jissaħħaħ fil-livelli kollha.

### 3. Deskrizzjoni tal-Istrateġiji tal-Pilastri tal-Proġetti

#### 3.1 L-avvanz tal-politiki u l-impenji globali fil-kuntest tar-Raba' Konferenza ta' Reviżjoni tan-NU (RevCon4) tal-2024 tal-Programm ta' Azzjoni dwar l-armi ħfief.

##### 3.1.1 Eżiti

- Ir-rilevanza u l-effettività tal-PtA/ITI huma żgurati u miżjuda.
- Ir-RevCon4 dwar il-PtA hija appoġġata tajjeb u tinkludi firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati.
- Ir-rapportar nazzjonali mill-Istati taħt il-PtA u l-ITI huwa msaħħaħ, inkluż bħala qafas għall-għbir tad-data għall-mira 16.4 tal-SDG<sup>13</sup> u l-indikatur 16.4.2.<sup>14</sup>

##### 3.1.2 Attivitajiet

**Diskussjonijiet virtwali madwar mejda minn esperti biex jiġu żviluppati rakkomandazzjonijiet orjentati lejn l-azzjoni relatati mal-kontroll tas-SALW b'appoġġ għar-RevCon4.**

Permezz ta' sensiela ta' diskussjonijiet bejn esperti virtwali, jiġu diskussi u esplorati suġġetti differenti biex jiġu żgurati r-rilevanza u l-effettività tal-PtA u l-ITI. Is-suġġetti tad-diskussjonijiet madwar mejda ser jiġu ddeterminati abbażi tal-eżiti tal-BMS8 (jiġifieri, magħżula mill-oqsma ta' prijorità tad-dokument ta' eżitu tal-BMS8 għal aktar azzjoni u konsiderazzjoni fir-RevCon4). Il-President nominat tar-RevCon4 ser jiġi mistieden għad-diskussjonijiet madwar mejda ta' esperti kollha. Din l-attività ser tiġi implimentata f'kollaborazzjoni mal-UNIDIR. Il-laqgħat kollha ta' diskussjoni madwar mejda tal-esperti ser isiru virtwalment. Il-konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet ta' kull diskussjoni madwar mejda ser jiġu ppreżentati u diskussi fil-laqgħat reġjonali kollha.

---

<sup>13</sup>Mira 16.4 tal-SDG: "Sal-2030, jitnaqqsu b'mod sinifikanti l-flussi finanzjarji u tal-armi illeċiti, jissaħħu l-irkupru u r-ritorn ta' assi misruqa u jiġu miġġielda l-forom kollha ta' kriminalità organizzata ". (traduzzjoni mhux uffiċjali)

<sup>14</sup> Indikatur 16.4.2 tal-SDG: "Proporzjon ta' armi maqbuda, misjuba jew ċeduti li l-oriġini jew il-kuntest illeċitu tagħhom ġew traċċati jew stabbiliti minn awtorità kompetenti f'konformità mal-istrumenti internazzjonali". (traduzzjoni mhux uffiċjali)

## Preparazzjonijiet sostantivi u inklużivi għar-RevCon4

Il-laqgħat reġjonali ser jipprovdu forum għall-Istati parteċipanti u l-organizzazzjonijiet reġjonali rispettivi biex jidentifikaw l-isfidi relatati mas-SALW speċifiċi għar-reġjun u jiddiskutu l-prijoritajiet reġjonali għar-RevCon4. Il-President nominat tar-RevCon4 ser jiġi mistieden għall-laqgħat reġjonali kollha.

Reġjuni u organizzazzjonijiet reġjonali oħra ser tipikament jorganizzaw laqgħa preparatorja għar-RevCon4 bħall-Unjoni Ewropea, il-Lega tal-Istati Għarab, il-Paċifiku u l-OSKE. Il-proġett m'għandux għalfejn ikopri dawk ir-reġjuni. Fuq talba, l-UNODA jista' jipparteċipa/ikun involut fi kwalunkwe waħda minn dawk il-laqgħat reġjonali biex jippreżenta s-sejbiet tad-diskussjonijiet madwar mejda tal-esperti. Din l-attività ser tiġi implimentata mill-UNODA u ċ-ċentri reġjonali tiegħu lejn l-aħħar tal-2023/kmieni fl-2024, b'appoġġ sostanzjali mill-UNIDIR. L-attivitajiet kollha ser isiru bi preżenza fiżika.

Qed jiġu ssuġġeriti dawn il-ħames laqgħat reġjonali li ġejjin:

<b>Pajjiżi mis-sottoreġjuni</b>	<b>Organizzazzjonijiet reġjonali</b>	<b>Ċentru reġjonali</b>	<b>Post</b>
Punent tal-Afrika u Afrika Ċentrali	UA, ECCAS, ECOWAS, RECSA, UEMOA, G5 tas-Sahel	UNREC	Lomé, it-Togo
Lvant tal-Afrika u Nofsinhar tal-Afrika	UA, EAC, SADC, IGAD, RECSA, SARCOM	UNREC	Lomé, it-Togo
Il-Karibew	CARICOM	UNLIREC	Virtwali
Amerka Latina	MERCOSUR, OAS, SICA	UNLIREC	Virtwali
ASEAN u l-Istati tan-Nofsinhar tal-Asja	ASEAN, SAARC	UNRCPD	Bangkok, it-Tajlandja

Programm ta' sponsorizzazzjoni għall-parteċipanti ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw jew li huma milquta serjament, biex jattendu r-RevCon4

Minħabba nuqqas ta' fondi, ħafna pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp ibatu biex ikunu rappreżentati fil-konferenzi ta' reviżjoni tal-PtA mill-uffiċjali ewlenin tagħhom li jittrattaw kwistjonijiet ta' SALW f'pajjiżhom. Programm ta' sponsorizzazzjoni għal grupp magħżul ta' pajjiżi l-aktar milquta jippermetti l-parteċipazzjoni tagħhom, u b'hekk jiġu arrikkiti d-deliberazzjonijiet fir-RevCon4. Huwa jipprovdi wkoll opportunità kbira ta' networking u jista' joħloq sinerġiji possibbli ma' avvenimenti sekondarji u attivitajiet oħra fil-marġni tar-RevCon4.

Il-parteċipanti ser jiġu approvati mis-SEAE fuq ir-rakkomandazzjoni tal-UNODA, inkluż iċ-ċentri reġjonali tiegħu. Fil-prinċipju, l-uffiċjali magħżula mill-awtoritajiet nazzjonali għandhom jinħatru bħala punti fokali nazzjonali tal-PtA. Kriterji oħra għall-għażla jinkludu kunsiderazzjonijiet dwar il-ġeneru, sottomissjoni f'waqtha ta' rapport nazzjonali, parteċipazzjoni attiva f'laqgħat reġjonali u/jew diskussjonijiet madwar mejda.

### **Azzjonijiet biex jissaħħaħ l-involviment tas-soċjetà ċivili fil-kontroll tal-armi ħfief**

L-attivitajiet ser jinkludu r-riċerka u l-promozzjoni, il-kampanji tal-media, il-programmi ta' sponsorizzazzjoni u workshops. L-attivitajiet ser jitwettqu min-Network Internazzjonali għal Azzjoni dwar l-Armi Ħfief (IANSAs), f'kooperazzjoni mal-UNODA u iċ-ċentri reġjonali tiegħu, b'appoġġ għall-involviment tas-soċjetà ċivili fir-RevCon4.

### 3.1.3 Outputs

- **Erba' (4) diskussjonijiet virtwali madwar mejda tal-esperti ġew organizzati fl-2023**

Id-diskussjonijiet madwar mejda pprovdeu rakkomandazzjonijiet orjentati lejn l-azzjoni li l-Istati jistgħu jikkunsidraw li jinkludu fid-dokument ta' eżitu tar-RevCon4 fl-2024. Is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet ewlenin tad-diskussjonijiet madwar mejda nġabru f'dokument qasir wieħed u ġew ippubblikati qabel ir-RevCon4. Id-dokument sar disponibbli bl-Ingliż u ġie tradott għall-Għarbi, il-Franċiż u l-Ispanjol.

- **Ħames (5) laqgħat reġjonali ta' jumejn kienu organizzati biex jappoġġaw lill-gvernijiet u organizzazzjonijiet minn reġjuni speċifiċi fit-tħejjija għar-RevCon4**

Ir-rappurtar nazzjonali ġie inkluż fl-aġenda tal-laqgħat reġjonali u d-delegazzjonijiet li jixtiequ jħejju u/jew jippreżentaw ir-rapporti nazzjonali tagħhom matul il-laqgħat kellhom l-assistenza disponibbli għalihom. Minħabba rati baxxi ta' rappurtar fir-reġjuni tal-Asja u l-Paċifiku, wara l-laqgħa reġjonali saret *klinika ta' rappurtar nazzjonali* dedikata ta' ġurnata waħda, bil-ħsieb li jiżdiedu r-rati ta' rappurtar fir-reġjun għar-RevCon4. Is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet mil-laqgħat madwar mejda ta' esperti (Attività 1.3.1) ġew ippreżentati u diskussi fil-laqgħat.

- **Ħmistax (15) -il parteċipant sponsorjat attendew ir-RevCon4**

L-ivvjaġġar lejn u l-akkomodazzjoni għar-RevCon4 (mhux għall-Kumitat Preparatorju li jsir qabel fl-2024) għal massimu ta' 15-il parteċipant kienu sponsorizzati. Barra minn hekk, l-ivvjaġġar ġie sponsorizzat ukoll għal parteċipant wieħed minn kull ċentru reġjonali (UNREC, UNLIREC, UNRCPD) biex jattendi r-RevCon4 fi New York.

### 3.1.4 L-involviment tas-soċjetà ċivili ssaħħaħ permezz ta' dan li ġej:

- i. Rapport dwar ir-riżultati tal-BMS8 għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili ġie mħejji u mxerred, u dan serva bħala bażi għat-tnejjijiet għar-RevCon4.
- ii. Kampanja għall-kampanji tal-Ġimgħa Globali tal-Azzjoni Kontra l-Vjolenza tal-Pistoli tfasslet u ġiet promossa bir-RevCon4 bħala suġġett tematiku.
- iii. Gwida tas-soċjetà ċivili dwar ir-RevCon4 ġiet żviluppata u mxerrda qabel il-Konferenza; din tiddekrivi kif is-soċjetà ċivili tista' tikkontribwixxi għat-tnejjijiet u għar-RevCon4 attwali.
- iv. Sa għaxar (10) rappreżentanti tas-soċjetà ċivili attendew ir-RevCon4 u pparteċipaw b'mod attiv f'avvenimenti organizzati fil-marġini tar-RevCon4 permezz ta' programm ta' sponsorizzazzjoni.
- v. Sar workshop preparatorju dwar ir-RevCon4 għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili parteċipanti. Dan kien attività bi preżenza fiżika ta' jumejn li laqqgħet flimkien il-membri tal-IANSA fi New York fi tmiem il-ġimgħa qabel il-Konferenza.
- vi. Sa tliet (3) dokumenti informattivi ta' promozzjoni għall-membri tal-IANSA dwar suġġetti tematiċi relatati ma' kwistjonijiet li l-PtA/ITI ma indirizzax biżżejjed ġew imħejjija u mxerrda. Id-dokumenti saru disponibbli online bl-Ingliż bi traduzzjoni għall-Franċiż u l-Ispanjol. Kopji stampati kienu disponibbli f'RevCon4.

### **3.2 L-iżgurar tal-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-PtA/ITI abbażi tal-prijoritajiet, il-miri, l-istrateġiji u l-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali u reġjonali**

#### **3.2.1 Eżiti**

- L-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-impenji magħmula mill-Istati fil-qafas tal-PtA u l-ITI hija msaħħa.
- L-iffissar tal-miri nazzjonali u reġjonali, maqbul mill-Istati fil-BMS7, qiegħed jiġi ttestjat.

#### **3.2.2 Attivitajiet**

##### **Aġġornament tal-għodda ta' valutazzjoni MOSAIC (verżjoni online u stampata) biex l-Istati jkunu jistgħu jwettqu awtovalutazzjonijiet dwar l-implimentazzjoni tal-PtA/ITI**

L-għodda ta' valutazzjoni MOSAIC ser tippermetti lill-Istati jagħmlu (awto)evalwazzjoni tal-livell ta' implimentazzjoni tal-PtA/ITI u oqfsa oħra ta' kontroll tal-armi ħfief fil-livell nazzjonali. Hija ser tassisti lill-Istati biex jidentifikaw lakuni fis-sistemi nazzjonali tagħhom ta' kontroll tal-armi ħfief u jiddeterminaw l-oqfsa ta' prijorità li għandhom jiġu indirizzati biex jissaħħu l-kapaċitajiet nazzjonali u tiġi żgurata l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-PtA/ITI.

Is-sejbiet tal-valutazzjonijiet jistgħu jirfdu l-iżvilupp ta' pjanijiet ta' azzjoni, strateġiji, pjanijiet direzzjonali u/jew miri nazzjonali u reġjonali u jiżguraw li jkunu bbażati fuq id-dispożizzjonijiet maqbula fi ftehimiet globali ewlenin dwar is-SALW. L-għodda ta' valutazzjoni MOSAIC tista' tintuża wkoll biex tappoġġa l-ġbir u l-kompilazzjoni ta' informazzjoni li għandha tiġi inkluża fir-rapporti nazzjonali dwar l-implimentazzjoni tal-PtA/ITI u tiffaċilita l-iżvilupp ta' proposti ta' proġetti għal skopijiet ta' ġbir ta' fondi.

L-għodda ta' valutazzjoni MOSAIC ser tiffaċilita l-konsiderazzjonijiet nazzjonali tas-sistemi tagħhom ta' kontroll tal-armi ħfief kontra l-oqsma koperti mill-moduli MOSAIC li jinsabu fis-serje 2, 3, 4, 5, u 6, u b'hekk tkopri ċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-armi ħfief, inkluż dwar kwistjonijiet trasversali bħall-ġeneru u ż-żgħażaġh.<sup>15</sup> Minbarra l-użu tagħha mill-awtoritajiet nazzjonali, huwa previst li tali għodda tista' tintuża wkoll minn firxa usa' ta' partijiet ikkonċernati, inkluż organizzazzjonijiet reġjonali u s-soċjetà ċivili. Dan ser ikun ta' benefiċċju dirett għall-ħidma taċ-ċentri reġjonali tal-UNODA u jista' jintuża matul missjonijiet ta' identifikazzjoni fl-ambitu ta' "Saving Lives Entity" (SALIENT)<sup>16</sup>. Sabiex jiġi żgurat li dawn l-entitajiet ikunu jistgħu jappoġġaw l-isforzi nazzjonali biex jużaw l-għodda ta' valutazzjoni MOSAIC, ser titħejja u ssir disponibbli Gwida għall-Utent.

Dawn l-attivitajiet ser jiġu implimentati f'kollaborazzjoni mal-UNIDIR.

### **Appoġġ lill-Istati biex isaħħu l-isforzi ta' implimentazzjoni tagħhom tal-PtA/ITI**

Fl-Amerika Latina u l-Karibew implimentati mill-UNLIREC

- **Konsolidazzjoni ta' Pjan Direzzjonali dwar is-SALW għall-Istati tal-Amerka Ċentrali (2022-2024)**, bl-involviment tal-istati membri interessati kollha tas-*Sistema de la Integración Centroamericana* (SICA) (il-Costa Rica, El Salvador, il-Gwatemala, il-Ħonduras, in-Nikaragwa u l-Panama) biex tissaħħaħ l-implimentazzjoni tal-istrumenti internazzjonali, reġjonali u sottoreġjonali tas-SALW u titnaqqas il-proliferazzjoni illeċita ta' armi u munizzjon fis-sottoreġjun.<sup>17</sup>

L-attivitajiet ser jikkonsistu f'seminars sottoreġjonali, workshops, sessjonijiet ta' ħidma (abbozzar u laqgħat tematiċi). L-Istati tal-Amerka Ċentrali ser ikunu jistgħu jiksbu l-momentum politiku fit-tnejn għar-RevCon4 biex imexxu 'l quddiem inizzjattiva sottoreġjonali ġdida b'objettivi u indikaturi ċari.

<sup>15</sup> [www.un.org/disarmament/mosaic](http://www.un.org/disarmament/mosaic)

<sup>16</sup> [www.un.org/disarmament/salient](http://www.un.org/disarmament/salient)

<sup>17</sup> Niġbdu l-attenzjoni għall-fatt li l-Istati tas-SICA l-Belize u r-Repubblika Dominikana t-tnejn jiffurmaw parti mill-Pjan Direzzjonali tal-Karibew dwar l-Armi tan-Nar, filwaqt li l-parteċipazzjoni tan-Nikaragwa ser ikollha tiġi kkonfermata.

Il-proċess ta' konsolidazzjoni tal-inizjattiva tal-Pjan Direzzjonali ser jitwettaq flimkien mad-Dipartiment tas-Sigurtà Pubblika tal-Organizzazzjoni tal-Istati Amerikani (OAS) u ser jikkomplementa l-attivitajiet deskritti fid-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/847 tal-UE tat-30 ta' Mejju 2022. L-UNLIREC ser ikun jista' jiggwida l-proċess flimkien mal-OAS u jibni fuq l-għarfien espert tiegħu taħt il-Pjan Direzzjonali tal-Karibew dwar l-Armi tan-Nar. L-attivitajiet kollha ser jiġu kkoordinati mal-organizzazzjoni sottoreġjonali SICA.

- **Korsijiet dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar ta' Armi u Munizzjon (CTAM) u l-Kors dwar l-Interdizzjoni ta' Armi Ħfief, Munizzjon u Partijiet u Komponenti (ISAAPC)** ser isiru fl-Istati tal-Amerka t'Isfel u Ċentrali.

Fl-Asja-Paċifiku implimentat mill-UNRCPD

- **Appoġġ għall-istabbiliment u t-taħriġ tal-Punti Fokali Nazzjonali tal-PtA.** Sal-lum, 17-il pajjiż biss ħatru u infurmaw dwar punt ta' kuntatt nazzjonali dwar l-implimentazzjoni tal-PtA/ITI fir-reġjun tal-Asja u l-Paċifiku. Taħt din l-attività, l-UNRCPD ser tappoġġa l-istabbiliment ta' punti fokali nazzjonali, fejn dawn ma jeżistux, u ssaħħaħ il-kapaċità tal-punti fokali eżistenti u l-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni nazzjonali permezz ta' workshop reġjonali ddedikat. Din l-attività ser titwettaq fl-2023 biex tiżgura l-ħatra ta' punti fokali nazzjonali bi tħejjija għar-RevCon4. Din l-attività ser issir virtwalment.
- **Il-valutazzjonijiet MOSAIC fi stati magħżula** biex jidentifikaw lakuni u opportunitajiet għal implimentazzjoni msaħħa u l-istabbiliment ta' prijoritajiet, miri u pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali u reġjonali. Din l-attività ser issir bi preżenza fiżika.
- **Assistenza għall-istati fir-reġjun tal-Asja-Paċifiku dwar l-implimentazzjoni tal-PtA/ITI.** Tista' tiġi pprovduta assistenza dwar aspetti differenti tal-kontroll tas-SALW, fosthom aspetti leġilattivi u regolatorji, it-tfassil u l-ġestjoni tal-kontroll tal-armi ħfief, u/jew appoġġ operazzjonali. Din tista' tinkludi wkoll approċċi sottoreġjonali (eż., dwar is-sigurtà tal-fruntieri). L-attivitajiet kollha ser ikunu jqisu l-kwistjonijiet relatati mal-ġeneru u inklużivi. Dawn jistgħu jinkludu appoġġ operazzjonali, taħriġ, workshops, laqgħat, ġbir ta' data jew attivitajiet ta' riċerka. Il-benefiċjarji ewlenin ser ikunu l-awtoritajiet nazzjonali u/jew is-servizzi tas-sigurtà u l-forzi tad-difiża.

L-UNRCPD ser jilqa' talbiet ta' assistenza minn pajjiżi matul l-implimentazzjoni tal-proġett. It-talbiet għall-assistenza li jirriżultaw mill-attivitajiet l-oħra mwettqa taħt dan il-proġett, b'mod partikolari l-valutazzjoni MOSAIC, jew li ġew ikkomunikati permezz ta' rapporti nazzjonali ser jingħataw prijorità. L-assistenza tista' tingħata personalment u/jew virtwalment.

#### Fl-Afrika implimentata mill-UNREC

- **Valutazzjonijiet -MOSAICfi stati magħżula** biex jidentifikaw lakuni u opportunitajiet għal implimentazzjoni msaħħa u l-istabbiliment ta' prijoritajiet, miri u pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali u reġjonali. Din l-attività ser titwettaq bi preżenza fiżika.
- **Assistenza lill-istati fl-Afrika dwar l-implimentazzjoni tal-PtA/ITI.** Tista' tingħata assistenza dwar aspetti differenti tal-kontroll tas-SALW, fosthom aspetti leġislattivi u regolatorji, it-tfassil u l-ġestjoni tal-kontroll tal-armi ħfief, u/jew appoġġ operazzjonali. Din tista' tinkludi wkoll approċċi sottoreġjonali (eż., dwar is-sigurtà tal-fruntieri). L-attivitajiet kollha ser ikunu jqisu l-kwistjonijiet relatati mal-ġeneru u inklużivi. Dawn jistgħu jinkludu appoġġ operazzjonali, taħriġ, workshops, laqgħat, ġbir ta' data jew attivitajiet ta' riċerka. Il-benefiċjarji ewlenin ser ikunu l-awtoritajiet nazzjonali u/jew is-servizzi tas-sigurtà u l-forzi tad-difiża.

L-UNREC ser jilqa' talbiet għal assistenza minn pajjiżi matul l-implimentazzjoni tal-proġett. It-talbiet għall-assistenza li jirriżultaw mill-attivitajiet l-oħra mwettqa taħt dan il-proġett, b'mod partikolari l-valutazzjoni MOSAIC, jew li ġew ikkomunikati permezz ta' rapporti nazzjonali, ser jingħataw prijorità. L-assistenza tista' tingħata personalment u/jew virtwalment.

## **Azzjonijiet biex jissaħħaħ l-involvement tas-soċjetà ċivili fil-kontroll tal-armi ħfief, inkluż:**

- **Kampanji annwali** - IANSA u l-organizzazzjonijiet membri tagħha ser jorganizzaw attivitajiet annwali ta' promozzjoni għal avvenimenti bħall-Ġimgħa Dinjija ta' Azzjoni Kontra l-Vjolenza bil-Pistoli, il-Jum Internazzjonali taż-Żgħażaġġ, ix-Xahar tal-Amnestija tal-Afrika, il-Jum Internazzjonali tal-Paċi, il-Jum tat-Tfal Afrikani, il-Jum Internazzjonali tal-Qerda ta' Pistoli, Ilbes Oranġjo; il-Jum Internazzjonali tan-Nisa, u s-16-il Jum ta' Attiviżmu Kontra l-Vjolenza Sessista.
- **Il-bini tal-kapaċità tas-soċjetà ċivili dwar il-kontroll tas-SALW** - l-iżvilupp ta' materjali orjentati lejn il-politika u l-organizzazzjoni ta' opportunitajiet ta' taġlim għall-membri tal-IANSA, inkluż webinars u preżentazzjonijiet, biex jiġi vvalutat u mtejjeb l-għarfien tal-PtA/ITI u strumenti internazzjonali/reġjonali/sottoreġjonali oħra rilevanti għall-kontroll tas-SALW fost is-soċjetà ċivili biex ikunu jistgħu jippromwovu u jippromwovu l-kontroll tal-armi ħfief.
- **L-involvement tas-soċjetà ċivili, il-promozzjoni, u l-programm ta' sensibilizzazzjoni dwar l-istabbiliment ta' miri nazzjonali u reġjonali, il-pjanijiet ta' azzjoni, u/jew il-pjanijiet direzzjonali** - f'konsultazzjoni u kollaborazzjoni mal-UNODA u ċ-ċentri reġjonali tiegħu, l-IANSA ser jappoġġa lill-membri tan-network tiegħu biex jiddiskutu mal-uffiċjali u jippromwovu l-iżvilupp mill-istati ta' miri u prijoritajiet nazzjonali u reġjonali għall-implimentazzjoni tal-PtA/ITI.
- **Il-programm ta' Għotjiet għall-involvement sostenibbli ta' membri magħżula tal-IANSA** - l-IANSA ser jistabbilixxi Programm ta' Għotja għall-Membri tal-IANSA biex l-organizzazzjonijiet fil-livell lokali jkunu jistgħu jwettqu ħidma programmatika. L-IANSA ser jistabbilixxi proċess biex jiffaċilita l-Programm ta' Għotja bbażat fuq kriterji tal-għażla definiti b'mod ċar, li ser jiġu approvati mill-UNODA.
- **Il-promozzjoni ta' Rappurtar Nazzjonali** - l-IANSA u l-membri tiegħu, f'konsultazzjoni mal-UNODA, jippromwovu b'mod konsistenti rappurtar regolari u komprensiv tal-PtA/ITI permezz ta' djalogu kostruttiv mal-awtoritajiet nazzjonali u l-membri parlamentari.

Dawn l-attivitajiet ser jitwettqu min-Network Internazzjonali għal Azzjoni dwar l-Armi Ħfief (IANSA), f'kooperazzjoni mal-UNODA u ċ-ċentri reġjonali tiegħu, u jappoġġaw l-involvement tas-soċjetà ċivili fl-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-PtA/ITI.

### 3.2.3 Outputs

#### L-għodda ta' valutazzjoni MOSAIC irċeviet l-aġġornamenti li ġejjin:

- L-iżvilupp ta' għodda ta' valutazzjoni MOSAIC, li saħħet il-kontrolli nazzjonali tal-armi ħfief, appoġġat l-implimentazzjoni tal-PtA u l-istabbiliment ta' miri fuq bażi infurmata, kif ukoll pjanijiet ta' azzjoni, it-tħejjija ta' pjan direzzjonali u l-iffaċilitar ta' talbiet għal assistenza internazzjonali. L-għodda ta' valutazzjoni MOSAIC bniet fuq il-verżjoni beta żviluppata qabel tal-Għodda ta' Valutazzjoni ISACS, li kienet limitata fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha għas-serje 5 tal-Istandards Internazzjonali għall-Kontroll tal-Armi Ħfief (ISACS).
- Verżjoni stampata tal-għodda saret disponibbli bl-Għarbi, bl-Ingliż, bil-Franċiż, bil-Portugiż u bl-Ispanjol. Saret disponibbli wkoll verżjoni online bl-Ingliż.
- L-iżvilupp u l-pubblikazzjoni ta' Gwida għall-Utent għall-Għodda ta' Valutazzjoni MOSAIC bl-Ingliż, bi traduzzjonijiet bl-Għarbi, bil-Franċiż, bil-Portugiż u bl-Ispanjol.
- Eżerċizzji ta' validazzjoni/sessjonijiet ta' taħriġ ikkombinati tal-għodda ta' valutazzjoni MOSAIC ma' organizzazzjonijiet u mekkaniżmi reġjonali u sottoreġjonali twettqu fil-marġini tal-laqgħat reġjonali bi tħejjija għar-RevCon4.

#### Fl-Amerka Latina u l-Karibew

- Saru sa tmien (8) seminars/workshops/sessjonijiet ta' ħidma/laqgħat bi preżenza fiżika u f'kuntasti virtwali b'appoġġ għall-konsolidazzjoni ta' pjan direzzjonali dwar is-SALW għall-Istati tal-Amerka Ċentrali (2022-2024). Matul l-ewwel sena ta' attivitajiet, id-dokument tal-ABBOZZ ta' Pjan Direzzjonali ġie kkonsolidat, filwaqt li t-tieni sena ffukat fuq it-tnedija tal-iżvilupp ta' strateġiji nazzjonali (Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali (NAPs) jew inizjattivi simili) u l-implimentazzjoni ta' attivitajiet identifikati fl-inizjattiva/pjan direzzjonali sottoreġjonali.
- L-UNLIREC wettaq żewġ korsijiet (2) tal-ISAAPC u erba' (4) korsijiet tas-CTAM f'ċerti Stati tal-Amerka Ċentrali u tal-Amerka t'Isfel.

## Fl-Asja u l-Paċifiku

- Sar workshop reġjonali ddedikat. Il-workshop reġjonali ffoka fuq ir-rwol u l-kompiti ta' Punt ta' Kuntatt Nazzjonali b'mod partikolari l-koordinazzjoni mal-entitajiet nazzjonali, il-preżentazzjoni ta' rapporti nazzjonali u l-għoti ta' gwida dwar il-politika u l-ipprogrammar relatati mal-kontroll tas-SALW. Huwa kien ibbażat fuq il-Modulu 03.40 tal-MOSAIC dwar il-mekkaniżmi nazzjonali ta' koordinazzjoni dwar il-kontroll tas-SALW.
- Il-valutazzjonijiet MOSAIC twettqu bi preżenza fiżika f'mhux aktar minn żewġ (2) stati magħżula.
- Sa erba' (4) Stati fir-reġjun tal-Asja Paċifiku rċevew għajjnuna dwar l-implimentazzjoni tal-PtA/ITI.

## Fl-Afrika

- Il-valutazzjonijiet MOSAIC twettqu bi preżenza fiżika f'mhux aktar minn żewġ (2) stati magħżula.
- Sa erba' (4) Stati fl-Afrika rċevew assistenza dwar l-implimentazzjoni tal-PtA/ITI.

### 3.2.4 L-involvement tas-soċjetà ċivili ssaħħaħ permezz ta':

- i. Attivitajiet u materjali tal-kampanja li ġew żviluppati, u ngħataw stipendji żgħar lill-organizzazzjonijiet membri lokali u nazzjonali tal-IANSA għall-attivitajiet li twettqu matul dawk il-kampanji.
- ii. Materjali orjentati lejn il-politika ġew imħejjija u ġew organizzati opportunitajiet ta' taġlim għall-membri tal-IANSA.
- iii. Programm ta' involviment u promozzjoni tas-soċjetà ċivili stabbilit dwar l-iffissar ta' miri nazzjonali u reġjonali, pjanijiet ta' azzjoni, u/jew pjanijiet direzzjonali.
- iv. Programm ta' Għotja ġie stabbilit għall-involvement sostenibbli ta' membri magħżula tal-IANSA.
- v. Promozzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali u l-membri parlamentari biex jittejjeb ir-Rappurtar Nazzjonali.

### **3.3 Tintlaqa' d-domanda li għaddejja biex jissaħħu u jiġu approfonditi l-politiki u l-programmi ta' kontroll tal-armi ħfief li jintegraw il-perspettiva tal-ġeneri, f'konformità mal-Aġenda dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà**

#### **3.3.1 Eżiti**

- Il-kapaċità strateġika u operazzjonali sostenibbli għall-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-kontroll tal-armi ħfief fost firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati ewlenin tkompli tizzied u tiġi approfondita.
- Is-sinerġiji u r-rabtiet li jistgħu jsiru ma' oqfsa u aġendi ta' politika komplementari b'mod partikolari l-Aġenda 2030, l-aġenda dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà, l-Aġenda Komuni Tagħna u r-risoluzzjonijiet tal-Assemblea Ġenerali dwar in-nisa u d-diżarm huma msaħħa aktar.

#### **3.3.2 Attivitajiet**

L-attivitajiet kollha ser jibnu fuq l-eżiti tal-proġett preċedenti ffinanzjat mill-UE, partikolarment id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/2011 tas-17 ta' Diċembru 2018 b'apport għal politiki, programmi u azzjonijiet li jintegraw il-perspettiva tal-ġeneri fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-armi ta' kalibru żgħir u l-użu ħażin tagħhom, f'konformità mal-aġenda dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà.

#### **It-tisħiħ tal-komponent tal-kontroll tal-armi ħfief fl-aġenda tad-WPS**

Dan jinkludi l-impenn kontinwu tal-UNODA fin-Network tal-Punti Fokali dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà għall-promozzjoni tal-kontroll tal-armi ħfief fil-pjanijiet ta' azzjoni, l-istrateġiji u l-isforzi ta' implimentazzjoni nazzjonali tad-WPS. Dan ser ikun impenn kontinwu matul l-implimentazzjoni tal-proġett u jitwettaq f'format bi preżenza fiżika u/jew virtwali.

## **Appoġġ lill-Istati biex isaħħu l-politiki u l-programmi ta' kontroll tal-armi ħfief li jkunu sensittivi għall-ġeneru**

Fl-Amerka Latina u l-Karibew implimentati mill-UNLIREC

- **Taħriġ dwar l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-kontroll tal-armi ħfief fl-Istati tal-Amerka Ċentrali u tal-Amerka t'Isfel** - il-korsijiet huma mmirati lejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-kontroll u r-regolamentazzjoni tal-armi ħfief, is-sigurtà ta' ċittadini u l-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-vjolenza kontra n-nisa/il-vjolenza sessista.
- **Serje ta' webinars dwar il-kontrolli tas-SALW u l-ġeneru bi tħejjija għar-RevCon4** - is-suġġetti ser ivarjaw u ser jiġu ddeterminati f'koordinazzjoni mal-Istati tal-Amerka Ċentrali u t'Isfel u f'konformità mat-tħejjijiet u l-eżiti tar-RevCon4.

Fl-Asja-Paċifiku implimentat mill-UNRCPD

- **L-armonizzazzjoni tal-implimentazzjoni ta' aġendi konverġenti dwar il-kontroll tal-armi ħfief u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri**- din ser tinvolvi l-involviment ta' pajjiżi fl-Asja u l-Paċifiku bi pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali skaduti, eżistenti jew ippjanati dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà biex tissaħħaħ l-implimentazzjoni ta' aġendi konverġenti ma' inizjattivi għall-kontroll tal-armi ħfief. L-inizjattiva ser tesplora wkoll sinerġiji ma' oqfsa oħra tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, b'mod partikolari l-Inizjattiva Spotlight.

- **Seminar reġjonali dwar l-universalizzazzjoni tat-TKA fir-reġjun tal-Asja-Paċifiku u l-konverġenza mal-aġenda tad-WPS- fl-2013**, l-Istati adottaw it-TKA (Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi), trattat multilaterali li jirregola speċifikament il-kummerċ internazzjonali fl-armi konvenzjonali. It-TKA huwa wkoll l-ewwel trattat legalment vinkolanti relatat mal-armi li jirrikonoxxi r-rabta bejn il-kummerċ tal-armi u l-vjolenza sessista (GBV). L-implimentazzjoni tat-TKA tippermetti wkoll li l-Istati jissodisfaw l-impenji tagħhom dwar l-esportazzjonijiet tal-armi stabbiliti fil-PtA fl-2001. L-adeżjoni mat-TKA għadha baxxa fl-Asja-Paċifiku, madankollu l-adeżjoni reċenti taċ-Ċina u tal-Filippini ħolqot momentum politiku favorevoli fir-reġjun biex tiġi promossa l-universalizzazzjoni tat-Trattat. Il-workshop bena fuq l-involviment tas-soċjetà ċivili u l-parlamentari taħt il-proġett preċedenti, li fih it-TKA ġie identifikat bħala qasam ta' prijorità ewlieni. Il-workshop ser jiġi implimentat f'kollaborazzjoni mas-sħab ewlenin, inkluż l-aġenziji tan-NU, l-organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali u s-soċjetà ċivili. Dan ser jiġi organizzat virtwalment.

Fl-Afrika implimentati mill-UNREC

- **Workshops reġjonali dwar l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-kontroll tal-armi ħfief għall-iskambju dwar sfidi u prijoritajiet relatati mal-ġeneru** - ser isiru workshops reġjonali għall-Afrika tal-Punent, l-Afrika Ċentrali, l-Afrika tal-Lvant u l-Afrika tan-Nofsinhar. Dawn il-workshops ser jiġu implimentati f'kollaborazzjoni ma' organizzazzjonijiet reġjonali u sħab ewlenin u ser jiġu organizzati bi preżenza fiżika.
- **L-integrazzjoni tal-kontroll tal-armi ħfief fi sforzi usa' ta' ugwaljanza bejn il-ġeneri, tal-iżvilupp u tas-sigurtà permezz ta' serje ta' webinars** b'esperti li jaħdmu fuq il-vjolenza sessista (GBV), il-vjolenza sesswali b'rabta mal-konflitt (CRSV), l-involviment taż-żgħażaġh, il-kwistjonijiet umanitarji, u l-assistenza lil persuni spostati internament u refuġjati biex ikun hemm sensibilizzazzjoni dwar il-fatturi u l-impatti sottostanti tal-proliferazzjoni, it-traffikar u l-użu ħażin tal-armi ħfief u l-ħtieġa li l-kontroll tal-armi jintrabat u/jew jiġi integrat f'aġendi oħra. L-objettiv tas-serje ta' webinars huwa li jiġi żviluppat approċċ multidimensjonali għall-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-vjolenza armata u li jiġu ġġenerati konnessjonijiet tanġibbli bejn l-awtoritajiet nazzjonali għall-kontroll tal-armi ħfief, u aktar partijiet ikkonċernati għal dan il-għan. Is-serje ta' webinars ser tiġi implimentata f'kollaborazzjoni mas-sħab ewlenin u ser tiġi organizzata virtwalment.

**Azzjonijiet biex jissaħħaħ l-involvement tas-soċjetà ċivili fil-kontroll tal-armi ħfief, inkluż:**

- **Ir-rapport dwar l-Integrazzjoni ta' Kwistjonijiet ta' Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u s-SALW** dwar il-kisbiet u t-tagħlimiet meħuda taħt il-proġett iffinanzjat mill-UE (PESK) 2018/2011, inkluż ħarsa ġenerali u valutazzjoni tal-attivitajiet implimentati mill-IANSA u l-membri tagħha u r-rakkomandazzjonijiet għal aktar involviment. Dan ir-rapport ser iservi ta' bażi għal attivitajiet oħra relatati mal-ġeneru taħt dan il-proġett.
- **Workshops, taħriġ u avvenimenti virtwali dwar l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-kontroll tal-armi ħfief għas-soċjetà ċivili** fi sħubija mal-UNODA u ċ-ċentri reġjonali tiegħu, l-IANSA ser torganizza workshops, taħriġ u avvenimenti virtwali dwar il-kontroll tal-ġeneru u tal-armi ħfief matul il-perjodu ta' implimentazzjoni tal-proġett għal udjenza wiesgħa u globali.
- **Proposti tas-soċjetà ċivili għat-tisħiħ tas-sinerġiji mal-aġenda dwar id-WPS.** Il-produzzjoni ta' sett ta' għodod li jiġbor il-proposti tal-membri tal-IANSA għat-tisħiħ tas-sinerġiji bejn il-kontroll tal-armi ħfief u l-aġendi tad-WPS, b'enfasi fuq tekniki ta' promozzjoni, messaġġi transreġjonali, u l-implimentazzjoni tal-politika li jistgħu jiġu applikati fir-reġjuni kollha. Is-sett ta' għodod ser jinxtered b'mod wiesa', inkluż matul attivitajiet organizzati mill-IANSA u/jew l-UNODA u ċ-ċentri reġjonali tiegħu.

L-attivitajiet ta' hawn fuq ser jitwettqu mill-IANSA, f'kollegament/kooperazzjoni mal-UNODA u ċ-ċentri reġjonali tiegħu, b'appoġġ għall-involvement tas-soċjetà ċivili f'politiki u programmi ta' kontroll tal-armi ħfief li jintegraw il-perspettiva tal-ġeneri, f'konformità mal-Aġenda dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà.

### 3.3.3 Outputs

**Il-kontroll tal-armi u d-diżarm, inkluż tal-armi ħfief, ġew promossi fil-ħidma u n-networks tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-WPS, inkluż dwar il-vjolenza sesswali relatata mal-konflitti.<sup>18</sup>**

**Tisħiħ tal-kapaċità tal-Istati għal politiki u programmi dwar l-armi ħfief sensitivi għall-ġeneru permezz ta':**

Fl-Amerka Latina u l-Karibew

- Ġew organizzati u implimentati tliet (3) korsijiet dwar l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-kontroll tal-armi ħfief fl-Istati tal-Amerka Ċentrali u tal-Amerka t'Isfel.
- Saru sa erba' (4) webinars dwar il-kontrolli tas-SALW u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fit-tnejn u/jew fis-segwitu għar-RevCon4.

Fl-Asja-Paċifiku

- Ser isir workshop reġjonali (1) fl-2023 f'kollaborazzjoni ma' sħab reġjonali ewlenin bħall-ASEAN, il-Forum tal-Gżejjer tal-Paċifiku u s-sħab tas-soċjetà ċivili.
- Sar seminar reġjonali dwar l-universalizzazzjoni tat-TKA fir-reġjun tal-Asja-Paċifiku u l-konverġenza mal-aġenda tad-WPS.

---

<sup>18</sup> Parteċipazzjoni, Prevenzjoni ta' Konflitti, Protezzjoni u Għajnuna u Rkupru.

## Fl-Afrika

- Saru erba' (4) workshops reġjonali ta' tlett ijiem dwar l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri għall-kontroll tal-armi ħfief għall-kummissjonijiet nazzjonali/punti fokali tal-PtA u partijiet ikkonċernati ewlenin. Il-workshops ippreżentaw il-progress li sar taħt il-proġett preċedenti ffinanzjat mill-UE u pprovdew pjattaforma għall-iskambju tal-aħjar prattiki fost il-pajjiżi fir-reġjun. Huma identifikaw ukoll lakuni u opportunitajiet biex tissaħħaħ l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-kontroll tal-armi ħfief. It-tielet jum tal-workshop serva biex isiru laqgħat ma' organizzazzjonijiet reġjonali biex jiddefinixxu l-prijoritajiet u strateġija għat-triq 'il quddiem sabiex ir-risultati tal-workshops jiġu applikati fil-livelli nazzjonali.
- Saret serje ta' webinars dwar il-proliferazzjoni, it-traffikar u l-użu ħażin tal-armi ħfief u l-ħtieġa li l-kontroll tal-armi jintrabat u/jew jiġi integrat ma' aġendi oħra.

### **3.3.4 L-involviment tas-soċjetà ċivili fil-kontroll tal-armi ħfief jissaħħaħ permezz ta':**

- i. It-tħejjija u t-tixrid ta' rapport dwar il-kisbiet u t-tagħlimiet meħuda taħt il-proġett iffinanzjat mill-UE (PESK) 2018/2011.
- ii. Saru workshops, taħriġ u avvenimenti virtwali dwar l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-kontroll tal-armi ħfief għas-soċjetà ċivili.
- iii. Sett ta' għodod ġie mħejji u mxerred, li jiġbor il-proposti tal-membri tal-IANSA għat-tisħiħ tas-sinerġiji bejn il-kontroll tal-armi ħfief u l-aġendi tad-WPS.

#### **4. Is-sensibilizzazzjoni, il-promozzjoni, il-komunikazzjoni u s-sħubiji**

L-UNODA u s-sħab tiegħu responsabbli mill-implimentazzjoni ser jiġġeneraw impatt qawwi permezz ta' sensibilizzazzjoni effettiva, promozzjoni, komunikazzjoni, u sħubiji.

L-UNODA ser jappoġġa d-disseminazzjoni tal-informazzjoni u l-outputs tal-attivitajiet proposti lill-ikbar udjenza possibbli. Barra minn hekk, il-komunikazzjoni ser titwettaq fil-qafas tal-azzjonijiet rilevanti kollha permezz tal-involvement tal-media, attivitajiet sekondarji u għodod tal-web. L-UNODA u l-IANSA ser jiżviluppaw u jipparteċipaw f'kampanji tal-media soċjali matul is-sena.

L-UNODA u l-IANSA ser jagħmlu użu mill-aktar firxa wiesgħa possibbli ta' għodod ta' komunikazzjoni, inkluż paġna web, stqarrijiet għall-istampa bil-miktub, għodod magħżula tal-media soċjali, attivitajiet sekondarji u aġġornamenti informali. L-implimentazzjoni tal-azzjonijiet kollha ser tkun issorveljata permezz ta' għodod ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, inkluż stħarriġ ta' parteċipanti u laqgħat regolari tal-grupp ta' ħidma rispettiv.

L-UNODA ser jieħu l-miżuri adattati kollha biex jiżgura viżibilità xierqa tal-kontribut tal-Unjoni għall-azzjoni. Tali miżuri ser jitwettqu f'konformità mal-Manwal tal-Kummissjoni dwar il-Komunikazzjoni u l-Viżibilità għall-Azzjonijiet Esterni tal-Unjoni Ewropea.

Il-koordinazzjoni ma' firxa wiesgħa ta' sħab, inkluż dawk li jibbenefikaw minn Deċiżjonijiet oħra tal-Kunsill tal-UE, ser tiġi żgurata matul l-implimentazzjoni tal-proġett.

L-UNODA ser ikompli jimpenja ruħu b'mod attiv fil-Mekkaniżmu ta' Koordinazzjoni informali dwar il-Ġeneri u s-SALW, li ġie stabbilit fl-2019 taħt il-proġett li għaddej.

## **5. Durata**

Id-durata stmata tal-proġett, inkluż l-attivitajiet kollha taħt it-tliet pilastrri tiegħu ser tkun ta' 36 xahar.

## **6. Rapportar**

L-UNODA ser iħejji rapporti regolari, f'konformità mal-ftehim innegozjat.

## **7. Kost totali**

Il-finanzjament totali stmat mitlub mill-UE għall-implimentazzjoni tal-Fażi II huwa ta' EUR XXX.